# L-GĦAQDA MUŻIKALI MARIJA ANNUNZJATA ~ TARXIEN A.D. 1862

*Tagħrif fil-qosor miġbur minn Anthony Piscopo - Segretarju ta' l-Għaqda Mużikali M'Annunzjata*

Wieħed forsi ma jkunx jiżbalja jekk jattribwixxi l-livell kulturali u anke edukattiv li nsibu f'ħafna bliet u rħula tagħna, għall-kontribut kbir li l-każini tal-banda dejjem taw u għadhom jagħtu lill-Komunità tal-lokal.

Ir-raħal tagħna ma baqax lura u mill-bidu tat-twaqqif ta' dawn il-każini, Ħal Tarxien sab il-bniedem bix-xewqa u l-ħeġġa li akkost li joħroġ il-flus minn butu, kien deċiż li jwaqqaf din il-banda.

Dan kien is-Sur Odilone Caruana, li fl-1862 laqqa' numru ta' Tarxiniżi f'daqsxejn ta' kamra, fi Triq Sant'Anna, Ħal Tarxien.

Bħal f'kull ħaġ'oħra , għall-bidu mhux kollox ikun ward u żahar, imma bis-saħħa tal-magħruf mużiċista - is-Surmast Napuljun Caruana Dingli, li kien it-tieni surmast ta' din il-banda, inqabdet it-triq għal dik li llum hija "L-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata", li f'dak iż-żmien kienet iġġib l-isem ta' "Banda San Ġużepp".

L-isem tal-banda nbidel kemm-il darba, imma l-iskop baqa' dejjem l-istess - il-promozzjoni tal-mużika u l-progress tal-Banda.

Wara li qaleb is-seklu għoxrin, il-każin tal-banda beda jkabbar l-inizjattivi, kif ukoll bdiet tiffunzjona b'iżjed effiċjenza, l-Amministrazzjoni li kienet tmexxi din l-Għaqda. Bdew jiġu miżmuma r-*records* tal-laqgħat u ta' l-attivitajiet u l-progress deher li kien qabad ġmielu. B'daqshekk ma jfissirx li ma nqala' l-ebda għawġ jew inkwiet. Imma l-mant ta' l-Annunzjata dejjem żamm taħtu u mexxa lit-Tarxiniżi li fittxew l-għajnuna tagħha.

Iż-żmien beda għaddej u l-istruttura ta' l-Amministrazzjoni tant issudat, li kienet lesta tagħti l-għajnuna tagħha fil-ħajja soċjali ta' Ħal Tarxien.

Ġara, li għal xi żmien, kawża ta' l-inkwiet li kien hawn madwarna u li Malta kienet kostretta li tagħti s-sehem tagħha (u hawn qed nalludi għat-Tieni Gwerra Dinjija), ħafna mix-xogħol ta' l-Għaqdiet Mużikali, Kulturali, Filantropiċi u oħrajn, kellu jitwarrab fil-ġenb u għal xi żmien twaqqaf għal kollox.

Immedjatament wara l-gwerra, fl-1944, il-każin tal-Banda Marija Annunzjata reġa' beda jiffunzjona u ttieħdet l-okkażjoni li jsir it-tberik ta' l-istess każin minn Mons. Arċisqof - Mikiel Gonzi.

Minkejja li l-gwerra bidlet ħafna mill-mentalità tal-poplu u li din il-bidla rriflettiet ukoll fuq it-tmexxija ta' din is-Soċjetà il-ħajja tal-Każin baqgħet għaddejja u hekk insibu li fl-1963, is-Soċjetà ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha bi programm ta' Festi tul ġimgħa sħiħa.

Kif forsi wieħed qiegħed jinnota, huwa impossibbli li fl-ispazju limitat li għandi, niġbor id-dati kollha li sawru l-ħajja ta' l-Għaqda tagħna f'dawn il-136 sena li ilha mwaqqfa, pero', xi wħud mid-dati jistgħu jkunu ta' iżjed interess minn oħrajn.

Għalhekk, nikkonkludi billi nsemmi fil-qosor xi dati importanti :-

Fi spazju ta' madwar l-aħħar 30 sena, is-Soċjetà, bil-ħeġġa u bl-inizjattiva ta' ħafna mill-membri, irreġsitrat b'pass meqjus l-akkwist tal-binja li llum tifforma dan il-Każin.

Kien f'Lulju ta' l-1966 li ġie akkwistat b'ċens il-fond Nru. 10 u 11, Triq Paola, biex fi Frar 1970, inxtara l-post f'Nru. 12 u 13, Triq Paola.

L-akkwist finali kien f'Marzu ta' l-1980, is-Soċjetà saret il-propjetarja tal-kumpless kollu li għandha llum, billi xtrat l-aħħar kwart tal-post Nru. 10, u 11 Triq Paola, Tarxien.

Illum aħna li qegħdin ingawdu l-frott ta' dak kollu li batew għalih ta' qabilna, inroddulhom ħajr u nwegħduhom li dak li xettlu b'riżq l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata, aħna nkabbruh u ngħożżuh bħala l-akbar wirt mingħand missirijietna t-Tarxiniżi.